**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru X**
**Appell Nru: 52/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Noel Cutajar)**

**Vs**

**JOSEPH ATTARD**

**Illum, 26 ta'Jannar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Joseph Attard talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta'Awwissu, 1998, jew fix-xhur ta'qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda, (**1**) fix-xahar ta'Lulju, 1998, f'Ta'Xbiex, ghal habta ta' wara nofs in-nhar, ikkommetta serq ta'handbag kontenenti diversi oggetti kif ukoll Lm16 fi flus kontanti, ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa, (**2**) fl-istess xahar gewwa il-Bajja ta' l-Armier, ikkommeta serq ta' handbag kontenenti msielet tad-deheb, zewg arloggi, u Lm45 fi flus kontanti ghad-dannu ta'nies mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccediex l-Lm1,000, (**3**) fl-istess xahar, f'Ghajn Tuffieha, ikkommeta serq ta'handbag kontenenti gizirana tad-deheb u Lm5 fi flus kontanti ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa, (**4**) fl-istess xahar, fl-Ghadira, limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta'handbag kontenenti diversi oggetti w Lm15 fi flus kontanti ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa, (**5**) fl-istess xahar ta'Lulju, fil-Bajja ta' l-Armier, ikkommetta serq ta'handbag kontenenti curkett tad-deheb, cappetta, u apparat tal-fotografija ghad-dannu ta'nies mhux maghrufa, (**6**) iddenunzja lil Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta'reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, (**7**) fix-xahar ta'Awwissu, jew qabel, approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra minn haga ta'haddiehor li kienet giet fdata jew kkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga tikkonsisti f'mixer, liema oggett jammonta ghas-somma ta' Lm480, liema ammont ta'hsara sar ghad-detriment ta'Kenneth Pullicino minn Haz-Zabbar, (**8**) fix-xahar ta'Awwissu, jew qabel, approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra minn haga ta'haddiehor li kienet giet fdata lilu jew kkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga tikkonsisti f'generator tal-marka Akma, liema oggett jammonta ghas-somma

ta'Lm600, liema ammont ta' hsara sar ghad-detriment ta'Michael Abela minn H'Attard, (**9**) fix-xahar ta' Awwissu, jew qabel, approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra minn haga li kienet giet fdata jew kkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga kienet tikkonsisti f'generator u jigger, liema oggetti jammontaw ghas-somma ta' Lm1,200, u liema hsara saret ghad-dannu ta'Raymond Grech minn Hal-Ghaxaq u ta'Elia Balzan minn Birzebbugia, (**10**) fix-xahar ta'Awwissu, jew qabel, approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew kkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga tikkonsisti f'generator, liema oggett jammonta ghas-somma ta' Lm400, u liema ammont ta'hsara sar ghad-detriment ta'George Pulis minn Haz-Zabbar, (**11**) fix-xahar ta'Awwissu, jew qabel, approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra minn haga ta'haddiehor li kienet giet fdata jew kkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga tikkonsisti f'jigger, liema oggett jammonta ghas-somma ta'Lm500, u liema ammont ta' hsara sar ghad-detriment ta'Saviour Magro minn Hal-Luqa.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-2 ta'Marzu, 2000, li biha, fuq ammissjoni ta'Joseph Attard, iddikjaratu w sabitu hati fuq l-akkuzi kollha dedotti kontrih u fuqhom ikkundannatu ghall-piena karcerarja ta' tlieta u ghoxrin (23) xahar, bit-tnaqqis ta' kull zmien li hu kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Rat ir-rikors t'appell ta'Joseph Attard datat 13 ta'Marzu, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar ir-reita' w tibdilha dwar il-piena billi tinfliggi fuqu piena anqas.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi dan huwa appell limitat biss ghall-piena li dehrilha li kellha timponi l-ewwel Qorti fuq l-appellant

Illi kif gja rriteniet din il-Qorti kemm il-darba fil-passat, huwa rarament li hi tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan tghamlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi. Din il-Qorti gieli, ukoll, varjat xi piena meta tkun moralment konvinta li hekk ikun mehtieg sabiex ma tintilefx xi opportunita' ghall-hati li biha jkun jista' jerga' jirritorna fit-triq it-tajba, jew jirriforma ruhu, jew jfieq u johrog minn xi abbuz, bhal ma huwa dak tad-droga. Dawn ikunu kazijiet jew ragunijiet specjali fejn il-

Qorti tkun tassew sodisfatta w konvinta mill-isforzi genwini tal-hati biex jallontana ruhu mill-hajja kriminali li jkun qed jistrada ruhu fiha.

Issa fil-kaz prezenti, minn dak li rat din il-Qorti w minn ezami ta’dak kollu li osservat l-ewwel Qorti meta giet biex tghati l-piena li dehirlha adegwata fic-cirkostanzi, jidher car li dik il-Qorti qieset sewwa dawn il-fatturi appena msemmija, tant li l-piena nflitta minnha bla ebda mod ma hija xi forma ta’ ostakolu ghar-riabilitazzjoni ta’ l-appellant. F’dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti thoss li ma ghandha xejn xi zzid ma’ dak li gja’ esprimiet l-ewwel Qorti u li ma hemm assolutament l-ebda raguni valida legalment sabiex tvarja dik il-piena mposta.

Ghalhekk filwaqt li qed tirrespingi kull aggravju ta’ l-appellant, qed tichad l-appell tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur